PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

2010/2160(INI)

11.2.2011

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar is-sitwazzjoni attwali u sinerġiji futuri għal effikaċja akbar bejn il-FEŻR u Fondi Strutturali oħra
(2010/2160(INI))

Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

Rapporteur: Georgios Stavrakakis

PR_INI

WERREJ

Paġna

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW 3

NOTA SPJEGATTIVA 10

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar is-sitwazzjoni attwali u sinerġiji futuri għal effikaċja akbar bejn il-FEŻR u Fondi Strutturali oħra
(2010/2160(INI))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 174, l-ewwel paragrafu, u l-Artikolu 175, l-ewwel paragrafu, tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni[1], u b'mod partikulari l-Artikolu 9(4) tiegħu,

– wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/702/KE tas-6 ta’ Ottubru 2006 dwar il-linji gwida strateġiċi Komunitarji dwar il-koeżjoni[2],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-21 ta’ Ottubru 2008 dwar il-governanza u s-sħubija fuq livelli nazzjonali u reġjonali u bażi għal proġetti fil-qasam tal-politika reġjonali[3],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-11 ta' Marzu 2009 dwar il-Politika ta' Koeżjoni: Investiment fl-ekonomija reali[4],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-24 ta' Marzu 2009 dwar il-kumplimentarjetà u l-koordinazzjoni tal-politika ta' koeżjoni u tal-miżuri għall-iżvilupp rurali[5],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-24 ta’ Marzu 2009 dwar Green Paper dwar il-koeżjoni territorjali u l-qagħda tad-diskussjonijiet dwar ir-riforma futura tal-politika għall-koeżjoni[6],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta’ Mejju 2010 dwar l-implimentazzjoni tas-sinerġiji tal-fondi assenjati għar-riċerka u l-innovazzjoni fir-Regolament (KE) Nru 1080/2006 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u s-Seba' Programm Qafas għar-Riċerka u l-Iżvilupp fil-bliet u r-reġjuni kif ukoll fl-Istati Membri u fl-Unjoni[7],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Mejju 2010 dwar il-kontribut tal-Politika ta' Koeżjoni għall-kisba tal-objettivi ta' Lisbona[8],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta’ Mejju 2010 dwar ir-realizzazzjoni tas-suq

---

[1] ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25.
[2] ĠU L 291, 21.10.2006, p. 11.
[3] ĠU C 15 E, 21.1.2010, p. 10.
[4] Testi adottati, P6_TA(2009)0124.
[5] ĠU C 117 E, 6.5.2010, p. 46.
[6] Testi adottati, P6_TA(2009)0163.
[7] Testi Adottati, P7_TA(2010)0189.
[8] Testi Adottati, P7_TA(2010)0191.

uniku għall-konsumaturi u ċ-ċittadini[1],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Ottubru 2010 dwar il-politika ta' koeżjoni u l-politika reġjonali tal-UE wara l-2013[2],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu ta1-12 ta' Diċembru 2010 dwar governanza tajba fir-rigward tal-politika reġjonali tal-UE[3],

– wara li kkunsidra l-20 rapport annwali tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Fondi Strutturali (2008) tal-21 ta' Diċembru 2009 (COM(2009)0617/2),

– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "EWROPA 2020 – Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv" (COM(2010) 2020),

– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-31 ta' Marzu 2010 dwar "Il-politika ta' koeżjoni: Rapport Strateġiku 2010 dwar l-implimentazzjoni tal-programmi 2007-2013" (COM(2010)0110),

– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Ottubru 2010 dwar "Politika Reġjonali li tikkontribwixxi għal tkabbir intelliġenti fl-Ewropa 2020" (COM (2010) 0553),

– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Ottubru 2010 dwar "Ir-Reviżjoni tal-Baġit tal-UE" (COM(2010)0700),

– wara li kkunsidra l-ħames rapport tal-Kummissjoni dwar il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali: il-futur tal-politika ta' koeżjoni ("il-Ħames Rapport dwar il-Koeżjoni), ta' Novembru 2010,

– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-9 ta' Novembru 2010 dwar il-konklużjonijiet tal-ħames rapport dwar il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali: il-futur tal-politika ta' koeżjoni (COM(2010)0642),

– wara li kkunsidra l-ittra indirizzata lill-President tal-Kummissjoni mill-Kummissarji għall-Politika Reġjonali, għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd, għall-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni u għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Baġits u l-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (A7–0000/2011),

A. billi l-Artikolu 174 TFUE jipprevedi li l-Unjoni, sabiex tippromwovi l-iżvilupp armonjuż tagħha in ġenerali, għandha tiżviluppa u tfittex li twettaq l-azzjonijiet tagħha li jwasslu sabiex tissaħħaħ il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali fi ħdanha,

---

[1] Testi Adottati, P7_TA(2010)0186.
[2] Testi Adottati, P7_TA(2010)0356.
[3] Testi Adottati, P7_TA(2010)0468.

B. billi l-premessa 40 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tiddikjara li l-programmazzjoni għandha tiżgura l-koordinazzjoni tal-Fondi bejniethom u mal-istrumenti finanzjarji eżistenti l-oħra, mal-BEI u mal-Fond Ewropew ta' l-Investment (FEI). u li din il-koordinazzjoni għandha tkopri wkoll it-tħejjija ta' skemi finanzjarji kumplessi u sħubiji pubbliċi privati,

C. billi l-Kummissjoni, fl-istrateġija Ewropa 2020, wegħdet li se timmobilizza l-istrumenti finanzjarji tal-UE – speċifikament, il-fondi għall-iżvilupp rurali u l-fondi strutturali, il-programmi qafas tar-riċerka u l-iżvilupp, in-Netwerks Trans-Ewropej (TENs), il-Programm Qafas għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni u l-BEI, fost l-oħrajn – bħala parti minn strateġija ta' finanzjament konsistenti, li tiġbor flimkien il-finanzjament tal-UE u dak pubbliku u privat, fil-kuntest tal-inizjattiva emblematika intitolata "Ewropa b'użu effiċjenti tar-riżorsi", biex b'hekk tiġi riflessa l-ħtieġa għal koerenza bejn il-politiki u l-istrumenti,

D. billi l-Ħames Rapport dwar il-Koeżjoni jirrikonoxxi b'mod ċar li biex wieħed ifittex li jkun hemm żvilupp reġjonali effikaċi, hemm bżonn ta' koordinament mill-qrib tal-politiki pubbliċi f'kull livell,

E. billi l-Kunsill, fil-konklużjonijiet tiegħu tal-14 ta' Ġunju 2010 dwar ir-Rapport Strateġiku 2010 tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni, saħaq fuq "il-ħtieġa għal titjib ulterjuri tal-koordinazzjoni tal-politika ta' koeżjoni u ta' linja politika tal-UE u nazzjonali oħra, fejn meħtieġ, sabiex tiżdied l-effettività fit-twettiq ta' objettivi komuni b'mod aktar ikkoordinat" kif ukoll "il-valur reali miżjud iġġenerat minn approċċ strateġiku wieħed u minn regoli ta' implimentazzjoni komuni għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Soċjali Ewropew, fil-qafas ġenerali tal-politika ta' koeżjoni",

F. billi, fl-ittra li indirizzaw lill-President tal-Kummissjoni Barroso, il-Kummissarji għall-Politika Reġjonali, għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd, għall-Impjieg, għall-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni, u għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali rrikonoxxew "il-ħtieġa li tissaħħaħ l-integrazzjoni tal-politiki differenti tal-UE sabiex jintlaħaq l-iżvilupp ekonomiku sostenibbli u inklussiv li trid tikseb l-UE", waqt li pproponew "it-tfassil ta' qafas strateġiku komuni fil-livell tal-UE għall-BERŻ, il-FSE, il-Fond ta' Koeżjoni, il-FAEŻR, u l-FES, għall-perjodu wara l-2013",

G. billi r-riforma tal-politika strutturali għall-perjodu ta’ programmazzjoni 2007-2013 wasslet għall-firda tal-iżvilupp rurali mill-qafas ġenerali tal-fondi strutturali.

H. billi r-razzjonalizzazzjoni tal-infiq tirrikjedi aktar effikaċità u effiċjenza tal-politiki fil-livell tal-UE, kif ukoll fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali, u billi l-koordinament mill-qrib u l-komplementarjetà huma elementi essenzjali fil-modernizzazzjoni tal-politika ta' koeżjoni fil-ġejjieni,

I. billi, mingħajr qafas politiku li jappoġġahom, is-sinerġiji nnifishom jiddependu fil-biċċa l-kbira tagħhom fuq il-kapaċità organizzattiva u strateġika tal-benefiċjarji biex jgħaqqdu l-appoġġ minn strumenti differenti tal-UE,

J. billi approċċ imsejjes fuq l-iżvilupp lokali jista' jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-effiċjenza u l-effettività tal-politika ta' koeżjoni, waqt li enfasi esklussiva fuq kwistjonijiet

urbani u r-rwol tal-bliet fil-poltika ta' koeżjoni tista' twassal għal żbilanċ fl-iżvilupp taż-żoni urbani u rurali,

K. billi hemm ħtieġa akuta, kif ukoll pressjoni, għall-konsolidament tal-baġits pubbliċi, u din tirrikjedi aktar azzjonijiet innovattivi għat-tisħiħ tal-impatt ta' kwalunkwe finanzjament disponibbli, u billi l-koordinament effikaċi tal-politiki u l-istrumenti se jippermetti li jiġu ffrankati l-ħin u r-riżorsi u li jkun hemm kisbiet reali fir-rigward tal-effiċjenza u l-effikaċità,

L. billi wieħed irid jaħdem favur il-koordinament u s-sinerġiji kemm orizzontalment (b'konsistenza bejn il-politiki differenti), kif ukoll vertikalment (b'koperazzjoni u koordinament bejn id-diversi livelli ta' governanza),

M. billi approċċ frammentat jista' jwassal għal nuqqasijiet fil-politika, politiki doppji jew anke konfliġġenti, azzjonijiet pubbliċi kontradittorji u duplikazzjoni tar-riżorsi, b'konsegwenzi kemm għall-effikaċità reġjonali tal-politiki pubbliċi, kif ukoll għall-impatt nazzjonali tagħhom, u billi l-kunċett ta' approċċ integrat ma jidhirx li ġie enfasizzat biżżejjed fl-aħħar dokumenti politiċi tal-Kummissjoni,

N. billi politika ta' koeżjoni aktar integrata, konsistenti, effikaċi u effiċjenti tirrikjedi sforz akbar biex il-politiki tal-UE jiġu adattati għall-ħtiġijiet u l-assi speċifiċi tad-diversi territorji u reġjuni tal-Unjoni,

O. billi l-Linji Gwida Strateġiċi – fil-kuntest tal-linja gwida ġenerali ta' titjib ta' aċċess għall-finanzi – jirrikjedu koordinament aħjar bejn il-fondi,

P. billi l-Linji Gwida Strateġiċi jitolbu speċifikament it-tħeġġiġ ta' sinerġiji bejn il-politiki strutturali, dwar l-impjiegi u dwar l-iżvilupp rurali, waqt li jenfasizzaw li, f'dan il-kuntest, l-Istati Membri għandhom jiżguraw sinerġija u konsistenza bejn l-azzjonijiet li għandhom jiġu ffinanzjati f'territorju partikulari, u f'qasam ta' attività partikulari mill-BERŻ, il-Fond ta' Koeżjoni, il-FSE, il-Fond Ewropew għas-Sajd (FES) u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR); u billi jipprevedu wkoll li l-prinċipji ta' gwida ewlenin fir-rigward tal-linja ta' demarkazzjoni u l-mekkaniżmi għall-koordinament bejn l-azzjonijiet appoġġati mid-diversi fondi għandhom ikunu definiti fl-oqfsa ta' referenza strateġiċi nazzjonali/fil-pjanijiet ta' strateġija nazzjonali,

Q. billi r-rieżami ta' nofs it-terminu jirrikonoxxi li l-flessibilità baġitarja hi limitata u li jeżistu ostakli għar-riprijoritizzazzjoni anke bejn il-programmi, waqt li jinnota wkoll li l-inkonsistenzi bejn il-programmi u l-piżijiet amministrattivi onerużi jxekklu l-effikaċità,

R. billi, fis-sitwazzjoni attwali ta' wara kriżi, hu aktar importanti minn qatt qabel li wieħed jifhem il-proċessi fl-ekonomiji tal-Istati Membri u r-riżultati miksubin permezz tal-użu tar-riżorsi tal-UE,

S. billi hu importanti li jiġu żgurati l-viżibilità u "l-valur miżjud Ewropew" tal-kontribut tal-UE,

1. Jitlob li jiġi propost qafas strateġiku uniku biex jiġi żgurat approċċ komuni u ssir kapitalizzazzjoni fuq is-sinerġiji bejn l-azzjonijiet kollha li jservu fuq il-post biex ikomplu

jintlaħqu l-objettivi tal-politika ta' koeżjoni kif definiti mit-Trattati u kif iffinanzjati mill-BERŻ, il-Fond ta' Koeżjoni, il-FSE, il-FAEŻR u l-FES;

2. Jilqa' l-proposta fir-Rieżami tal-Baġit biex il-Kummissjoni tadotta Qafas Strateġiku Komuni sabiex tissaħħaħ l-integrazzjoni tal-politiki tal-UE biex titwettaq l-Istrateġija Ewropa 2020; jirrimarka, madankollu, li aktar sinerġiji bejn l-azzjonijiet iffinanzjati mill-ħames fondi msemmijin hawn fuq fi ħdan Qafas Strateġiku Komuni għandhom rwol pivotali mhux biss biex jinkisbu l-objettivi tal-Istrateġija Ewropa 2020, imma anke u prinċipalment biex jinkisbu l-objettivi tal-politika ta' koeżjoni kif stabbiliti mit-Trattat;

3. Jilqa' l-Ħames Rapport dwar il-Koeżjoni li, għalkemm fil-biċċa l-kbira tiegħu jiffoka fuq l-evidenzjar tal-kontribut li jistgħu jagħtu r-reġjuni u l-politika dwar il-koeżjoni biex jintlaħqu l-objettivi tal-Istrateġija Ewropa 2020, jinkludi madankollu għadd ta' konklużjonijiet li huma xhieda tar-rwol kruċjali ta' aktar sinerġiji fost il-fondi strutturali, inkluż il-Fond ta' Koeżjoni;

4. Jemmen li n-nefqa fil-qasam tal-politika dwar il-koeżjoni trid tiġi razzjonalizzata billi titnaqqas il-frammentazzjoni tal-istrumenti u l-kanali ta' finanzjament, u jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni għal prijoritizzazzjoni aħjar u konċentrazzjoni tematiku tar-riżorsi tal-UE u dawk nazzjonali fuq għadd ta' prijoritajiet sabiex ikun hemm koordinament imsaħħaħ bejn il-fondi, bil-possibilità li tissaħħaħ in-natura strateġika ta' din il-politika; jenfasizza, madankollu, li l-awtoritajiet tal-Istati Membri, dawk reġjonali u dawk lokali għadhom jeħtieġu biżżejjed flessibilità biex jadattaw il-prijoritajiet għall-ħtieġijiet ta' żvilupp speċifiċi tagħhom;

5. Jenfasizza li ħafna mill-inizjattivi tal-iżvilupp ekonomiku fil-qafas tal-politika ta' koeżjoni ma joħolqux sempliċiment opportunitajiet li jkunu mixtieqa li jiġu mibdija, imma attwalment is-suċċess tagħhom jiddependi fuq il-fatt li l-fatturi kemm umani kif ukoll fiżiċi jiġu indirizzati (titjib fl-infrastruttura, pereżempju, ma jwassalx awtomatikament għal aktar tkabbir jekk ma jkunx marbut mal-investiment fl-edukazzjoni, l-intrapriża, u l-innovazzjoni); għalhekk jemmen li l-effett tal-iżvilupp ta' dawn il-fondi se jkun massimizzat mis-sinerġiji miżjuda bejn il-FEŻR, l-FSE u l-Fond ta' Koeżjoni;

6. Huwa tal-opinjoni li l-azzjonijiet tal-iżvilupp rurali taħt l-FAEŻR u l-azzjonijiet tal-iżvilupp sostenibbli għaż-żoni tas-sajd taħt il-FES għandhom jiġu integrati f'qafas wieħed mal-fondi strutturali l-oħrajn, b'mod partikolari l-FEŻR, il-Fond ta' Koeżjoni u l-FSE; jitlob lill-Kummissjoni, għalhekk, biex tevalwa sa liema punt jista' approċċ komprensiv għall-iżvilupp tal-komunitajiet rurali u tas-sajd, f'konformità mal-objettiv tal-koeżjoni territorjali, jiġi ggarantit permezz ta' ċaqliq tal-azzjonijiet tal-iżvilupp lokali taħt iż-żewġ fondi msemmija taħt l-"umbrella tal-koeżjoni", jew, għall-inqas permezz ta' sinerġiji aktar ċari fost il-fondi kollha; jemmen li approċċ ta' dan it-tip iqis il-kuntest tal-politiki ewlenin b'impatt territorjali, u jippermetti lil dawk involuti attivament fi proċessi ta' żvilupp fil-livell reġjonali u lokali li jmexxu politika effikaċi bbażata fuq il-post adattata tajjeb għall-bżonnijiet territorjali taż-żoni rurali u tas-sajd jew ta' gżejjer żgħar;

7. Jenfasizza li l-koordinazzjoni għandha tiġi msaħħa ulterjorment mhux biss fost l-istrumenti ta' politika ta' koeżjoni bħala tali (l-FEŻR, l-FSE u l-Fond ta' Koeżjoni) iżda wkoll fost azzjonijiet iffinanzjati minn dawn l-istrumenti u attivitajiet imwettqa taħt it-TENs, is-Seba' Programm ta' Qafas u l-Programm ta' Qafas għall-Kompetittività u l-

Innovazzjoni (is-CIP);

8. Jemmen li dan it-tisħiħ reċiproku u l-koordinazzjoni tal-politiki tal-UE jistgħu mingħajr ebda dubju jiżgura l-aħjar riżultati possibbli mill-baġit tal-UE;

9. Jenfasizza l-fatt, madankollu, li bosta Stati Membri jħabbtu wiċċhom ma' diffikultajiet fil-koordinazzjoni ta' bosta fondi u apparentement esprimew l-ansjetà tagħhom dwar in-nuqqas ta' sinerġija, u anki f'xi każijiet sovrapożizzjoni, bejn il-fondi; jenfasizza, f'dan ir-rigward, li r-regoli kumplessi ta' immaniġġjar tal-fondi jeħtieġu livell għoli ta' kapaċità istituzzjonali sabiex jingħelbu l-ostakli u jikkoordinaw b'mod sodisfaċenti l-implimentazzjoni tagħhom;

10. Iqis li regoli komuni dwar l-amministrazzjoni, l-eliġibbiltà, l-awditjar u r-rappurtar ta' proġetti ffinanzjati mill-FEŻR, l-FSE, il-Fond ta' Koeżjoni, l-FAEŻR u l-FES (speċjalment li jikkonċernaw miżuri li jappoġġaw d-diversifikazzjoni ekonomika taż-żoni rurali u s-sajd) mhux biss ikollhom rwol ewlieni fit-tisħiħ u l-iffaċilitar tal-implimentazzjoni aktar effikaċi ta' programmi tal-politika ta' koeżjoni iżda wkoll jgħinu b'mod kruċjali l-isforzi ta' simplifikazzjoni; iqis, barra minn hekk, li dan jista' jissimplifika kemm l-użu ta' fondi mill-benefiċjarji kif ukoll l-immaniġġjar tal-fondi mill-awtoritajiet nazzjonali, jitnaqqas ir-riskju ta' żball filwaqt li jipprovdi differenzazzjoni, kif meħtieġ, biex jirrifletti l-ispeċifiċitajiet ta' politiki, strumenti u benefiċjarji, u jiffaċilita wkoll il-parteċipazzjoni fi programmi tal-politika ta' koeżjoni minn partijiet interessati minuri, kif ukoll l-assorbiment aktar faċli ta' fondi disponibbli;

11. Jenfasizza, għalhekk, il-ħtieġa li jinżamm u jissaħħaħ il-mudell ta' regolament ġenerali uniku, li jkopri, l-immaniġġjar, l-eliġibbiltà, l-awditjar, il-kontroll u r-regoli ta' rappurtar, flimkien ma' regolamenti speċifiċi qosra u ffukati għall-fondi li jirriflettu l-għanijiet ta' politika partikolari ta' kull fond; jenfasizza, barra minn hekk, li l-koordinazzjoni għandha sseħħ fil-livelli kollha ta' tfassil tal-politika, mill-ippjanar strateġiku permezz tat-twassil u l-ħlasijiet sal-għeluq, il-awditjar, il-kontroll u l-valutazzjoni;

12. Jenfasizza, fl-istess ħin, l-importanza ta' kapaċità amministrattiva dejjem aktar fl-Istati Membri, fil-livell reġjonali u lokali kif ukoll fost il-partijiet interessati, sabiex jingħelbu l-ostakli għal sinerġiji effettivi bejn il-fondi strutturali u fondi oħra u biex tappoġġa politika effettiva tad-disinn u l-implimentazzjoni; jinsisti dwar ir-rwol essenzjali li l-Kummissjoni għandu jkollha f'dan ir-rigward;

13. Jistieden lill-Kummissjoni biex teżamina l-modi l-aktar effettivi biex jiżdiedu s-sinerġiji fuq il-post; jissuġġerixxi, f'dan ir-rigward, li tingħata konsiderazzjoni lill-possibbiltà li l-Istati Membri jkunu jistgħu jagħżlu li jkollhom programm operazzjonali wieħed għal kull reġjun, li jinkludi fondi differenti (l-FEŻR, l-FSE, il-Fond ta' Koeżjoni, l-FAEŻR u l-FES) b'awtorità ta' mmaniġġjar waħda;

14. Jistieden lill-Kummissjoni biex tressaq proposti għar-rieżami tad-dispożizzjonijiet dwar l-iffinanzjar transversali u t-tnaqqis tal-ostakoli għall-applikazzjoni tagħhom, fid-dawl ta' dejta affidabbli u komprensiva dwar l-użu u l-impatt tagħhom, sabiex tiġi żgurata simplifikazzjoni akbar u ċertezza legali fl-applikazzjoni tagħhom meta mqabbla mas-sitwazzjoni osservata fil-preżent;

15. Jistieden lill-Kummissjoni biex tħeġġeġ l-Istati Membri jestendu l-mekkaniżmi ta' governanza tal-politika ta' koeżjoni (jiġifieri l-ipprogrammar, l-iffinanzjar u l-implimentazzjoni fi sħubiji bejn il-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali) lil dawk il-fondi koperti mill-Qafas Strateġiku Komuni ppjanat, sabiex tiżdied l-effikaċja u l-effettività tan-nefqa pubblika;

16. Jistieden lill-Kummissjoni, fl-istabbiliment ta' Qafas Strateġiku Komuni ġdid u fit-tressaq ta' proposti għal regolamenti, biex tinkludi disposizzjonijiet li jippermettu sħubijiet lokali u reġjonali (bliet, irħula, reġjuni funzjonali, gruppi ta' awtoritajiet lokali) biex tinkorpora d-diversi flussi ta' finanzjament tal-UE f'qafas konsistenti u integrat fit-territorji rispettivi tagħhom;

17. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, u lill-Istati Membri.

NOTA SPJEGATTIVA

Il-ħin u l-post għal koordinazzjoni u sinerġiji akbar
Ir-rapporteur jemmen li r-raġuni fundamentali għal tentattiv akbar għal koordinazzjoni tal-isforzi minn fondi u programmi tal-UE toħroġ aktar b'mod kritiku mill-perjodu ta' wara l-kriżi li daħlet fih l-Ewropa. Huwa ċar li fis-snin li ġejjin, il-ħtieġa li jiġu konsolidati l-baġits pubbliċi se tobbligana nkunu aktar innovattivi u nfittxu impatt akbar mill-finanzjamenti disponibbli[1]. Din hija l-opportunità biex isir dan, bħalma rrikonoxxew bosta persuni. Il-Parlament insista b'mod konsistenti f'diversi riżoluzzjonijiet dwar "il-bżonn ta' sinerġiji u ta' strateġija integrata bejn il-linji politiċi settorjali differenti, sabiex jinkisbu l-aħjar riżultati għat-tkabbir u l-iżvilupp fost in-nies" u li "għandu jkun hemm impenn għal politika tal-UE unika u flessibbli"[2]. L-iffokar tal-azzjoni konġunta tal-fondi fil-livell reġjonali u/jew lokali jkabbar il-valur miżjud tagħhom u jippermetti li l-partijiet interessati lokali jaġġustaw l-azzjonijiet speċifiċi skont il-ħtiġijiet ekonomiċi u soċjali reali, u għaldaqstant, is-sitwazzjoni tal-impjiegi f'kull reġjun speċifiku (strateġija ta' żvilupp lokali, pjanijiet ta' żvilupp ibbażati fuq il-post, eċċ.).

Il-koordinazzjoni tal-fondi, x'sar s'issa

Sa fejn hu kkonċernat l-FSE, l-esperjenza turi biċ-ċar li l-finanzjament tal-FEŻR ta' azzjonijiet ekonomiċi (innovazzjoni, riċerka, SMEs, ambjent, eċċ.) jista' jkun aktar effettiv jekk ikun ikkoordinat u integrat aktar mill-qrib mal-azzjonijiet magħmula minn dak il-fond, speċjalment jekk wieħed jikkonsidra li s-suċċess ta' ħafna mill-programmi u l-miżuri jiddependi ħafna mill-kombinazzjoni ta' suċċess ta' diversi fatturi, li fosthom l-iżvilupp tal-bniedem huwa tal-akbar importanza. Iż-żieda fil-valur miżjud Ewropew taż-żewġ fondi strutturali huwa marbut mal-progress fil-kisba tas-sinerġija bejn l-intervent ekonomiku u soċjali.

Ir-riforma tal-politika strutturali għall-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013 wasslet għall-firda tal-Fond għall-Iżvilupp Rurali mill-qafas ġenerali tal-Fondi Strutturali. Ġie enfasizzat li din il-firda m'għandhiex tirriżulta fid-dupplikazzjoni jew l-ommissjoni tal-objettivi, u l-opportunitajiet ta' żvilupp għandhom jiġu żgurati bl-istess mod kemm fiż-żoni rurali u kemm f'dawk urbani, iżda jidher li hemm evidenza ta' kunflitt. L-effiċjenza tal-politiki tal-iżvilupp rurali teħtieġ koordinazzjoni mill-qrib mal-implimentazzjoni ta' miżuri skont il-FEŻR u anki l-istrumenti tal-politika reġjonali. F'dan il-kuntest, il-Parlament Ewropew insista b'mod konsistenti dwar il-ħtieġa għal monitoraġġ mill-qrib tal-firda tal-iżvilupp rurali mill-politika ta' koeżjoni sabiex jiġi evalwat l-impatt reali fuq l-iżvilupp taż-żoni rurali. Ir-riżultati tal-firda tal-FAEŻR mill-qasam tal-politika ta' koeżjoni għandu jiġi evalwat bir-reqqa.

It-talba għal flessibilità akbar fl-użu tal-fondi, min-naħa l-waħda, u għal kultura amministrattiva li tippromwovi approċċ multidixxiplinari u simplifikazzjoni tal-amministrazzjoni tal-fondi, mill-oħra, mhix ġdida. Fil-qasam tas-sinerġiji bejn il-Fondi Strutturali, is-Seba' Programm ta' Qafas għar-Riċerka, l-attivitajiet tal-iżvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni, u l-Programm ta' Qafas għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni, il-Parlament Ewropew insista dwar il-ħtieġa li tiġi evitata konċentrazzjoni għolja ta' kapaċità

---

[2] Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Marzu 2009 (P6_TA(2009)0163).

fir-raggruppamenti ekonomiċi u r-reġjuni ewlenin tal-UE, filwaqt li ddispjaċih li s-sinerġiji fil-finanzjamenti għadhom mhux magħrufa sew.

Iva għas-sinerġiji, iżda kif?

Diġà jeżistu elementi importanti għall-koordinazzjoni, iżda jistgħu jkomplu jiżdiedu għall-benefiċċju ta' sinerġiji akbar. L-istrumenti tal-Politika ta' Koeżjoni tal-UE (l-FEŻR, l-FSE u l-FK) huma mmaniġġjati f'qafas komuni li jkopri mil-Linji Gwida Strateġiċi sal-ħlasijiet u r-rappurtar. Madankollu, dan mhux biżżejjed. Il-koordinazzjoni tista' tiżdied bejn l-istrumenti tal-Politika ta' Koeżjoni u lil hinn minnha.

Sistema ta' ppjanar u twassil integrata tista' tinkludi l-oqsma ta' politika kollha, pereżempju fi Pjan ta' Żvilupp Nazzjonali, jew tista' tinkludi diversi oqsma ta' politika sabiex tittratta l-problemi kumplessi individwali (jiġifieri l-istrateġija UE2020). Bil-vantaġġ ta' ppjanar integrat wieħed jifhem li problemi kumplessi ma jistgħux jiġu solvuti sempliċiment billi jiġu trattati minn angolu wieħed biss – il-qgħad ma jistax jissolva biss bit-taħriġ ta' dawk qiegħda, iżda jeħtieġ ukoll li jiġu stabbiliti politiki tal-ħolqien tal-impjiegi, bħall-appoġġ għall-SMEs, il-bidu ta' negozji, eċċ. Jekk pajjiż/reġjun huwa sottożviluppat u l-mira tkun li jlaħħaq ma' pajjiżi oħra, imbagħad li jiġu stabbiliti politiki settorjali mmaniġġjati separatament, bħat-trasport jew l-infrastruttura ambjentali, dan il-pajjiż ma jiksibx effett sinifikanti fl-iżvilupp ġenerali tiegħu[1]. Approċċ frammentat jista' jwassal għal politiki mrikkba jew saħansitra konfliġġenti, azzjonijiet pubbliċi kontradittorji u dupplikazzjoni ta' riżorsi, u dan ikollu konsegwenzi kemm fuq l-effikaċja reġjonali tal-politiki pubbliċi kif ukoll fuq l-impatt nazzjonali tagħhom[2].

Fil-kuntest tal-Politika ta' Koeżjoni tal-UE, dan ifisser li s-sistema ta' ppjanar u twassil attwali li ġġib flimkien il-politiki (u l-finanzjament għalihom) għall-iżvilupp tar-riżorsi umani, għall-iżvilupp tal-intrapriżi, speċjalment tal-SMEs, għall-iżvilupp tal-infrastruttura, eċċ., isservi biex ir-reġjuni assistiti jlaħħqu ma' pajjiżi oħra. Kull waħda minn dawn il-politiki waħedha tikseb anqas minn dak li attwalment qed jiksbu flimkien dawn il-politiki f'sistema ta' ppjanar u twassil integrata. Iż-żamma flimkien tal-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-Fondi Strutturali u l-Fond ta' Koeżjoni u l-integrazzjoni mill-ġdid aħjar tagħhom mal-Fond tal-Iżvilupp Rurali u l-Fond tas-Sajd hija essenzjali biex jintuża l-potenzjal tar-reġjuni li għadhom lura.

Is-sinerġiji u l-koordinazzjoni ma jimplikawx soluzzjonijiet li jgħoddu għal kollox. Minflok dawn jitolbu koordinazzjoni strateġika mill-qrib bejn l-istrumenti, il-politiki u l-atturi sabiex jipproduċu bir-reqqa interventi u programmi mfassla bir-reqqa li jikkunsidraw l-ispeċifikazzjonijiet territorjali u l-iżvantaġġi komparattivi jew karatteristiċi speċjali ta' kull reġjun f'approċċ ibbażat fuq il-post integrat[3].

******

Meta tqis dan kollu, ir-rapporteur jemmen li l-perjodu attwali, li huwa kumpless billi qed

[1] Pubblikazzjoni tal-OECD, Regions matter: economic recovery, innovation and sustainable growth, 2009, p. 125 irkupru ekonomiku, innovazzjoni u tkabbir sostenibbli, 2009, p.125.
[2] Idem.
[3] L-istudju Proġett ta' Riċerka Applikata ta' EDORA –Opportunitajiet Ewropej ta' Żvilupp għaż-Żoni Rurali, imwettaq fil-qafas tal-ESPON 2013, Lulju 2010, Parti B, p. 48.

negħlbu bil-mod ir-riżultati tal-kriżi finanzjarja u ekonomika, ippreżentalna l-opportunità li nużaw iż-żmien tan-negozjati futuri dwar il-qafas finanzjarju multiannwali li jmiss biex jinkisbu sinerġiji akbar mill-fondi u l-programmi tal-UE billi jiġi stabbilit mekkaniżmu ta' koordinazzjoni b'ambitu mifrux. Dan ikollu jinkludi l-fatt li l-Linji Gwida Strateġiċi attwali jittieħdu f'livell ġdid ta' ppjanar strateġiku billi jiġi stabbilit Qafas Strateġiku uniku u jiġi kkomplimentat il-qafas ġenerali għall-istrumenti tal-Politika ta' Koeżjoni tal-UE b'rabtiet addizzjonali ma' programmi oħra relatati mal-UE.